MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Numru 557/2005

Il-Pulizija
(Sp Frans Micallef)
vs
Italo Grech, iben George, imwieled Pieta’ fit-12 ta’ awissu, 1983

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fil-Qasam Industrijali ta’ Ħal-Luqa, fl-20 ta’ marzu, 2005 għal ħabta tas-2.00 p.m., ikkometta serq ta’ vettura tal-għamla Isuzu, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAB 743, liema serq hu kkwalifikat bil-valur ta’ aktar minn Lm1,000 u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta’ George Vassallo;
2. talli fl-istess data u fix-xhur ta’ wara, f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk f’Malta jew

barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli kiser il-kondizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza mogħtija fl-1 ta' marzu, 2005.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-5 ta' ġunju, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li jista' jkun ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 261(ċ)(g), 267, 271, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' jannar, 2007 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' frar, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża ta' serq miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Lanqas ma ssibu ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu billi l-Avukat Ġenerali ma ndika ebda artikolu tal-liġi in meritu. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(g), 267, 271, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt lira maltin (Lm500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------